TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 426/10

**Albert Cassar**

**Vs**

**Fair Deal Furniture**

Illum 11 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf u ħames mitt ewro (€1,500), rappreżentanti diversi nuqqasijiet fuq is-sufan li kien inxtara.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa xtara sufan, u wara xahar u nofs beda juri deterjorazzjoni fil-materjal tal-ġilda.

**It-Tribunal jinnota illi:**

L-intimat, debitamnet notifikat kemm bl-avviż tat-talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, ma deherx għas-seduta.

Kif ukoll, it-Tribunal jinnota li sal-ħin tas-seduta l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

It-Tribunal, jinnota li l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibli u aċċettabli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' elf u tliet mitt ewro (€1,300), u b'dan illi s-sufan jiġi propjeta' ta' l-intimat wara li jsir il-ħlas, bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**